**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 6**

**L-Erbgħa 6 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (17.53) |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier (18.00) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**06.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**06.01.01** Xejn

**06.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 5)**

**06.02.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar għamel referenza għal punt 5.03 fejn qal li huwa kien semma' 5 toroq residenzjali u mhux 4. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ħadet nota ta' dan l-iżball u kien amendat.

**06.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **05** ġew approvati unanimament.

**06.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**06.03.01** _GO plc:_ Is-Sindku John Schembri semma li nġabet kwotazzjoni sabiex issir installazjoni tal-internet u telefonija fl-uffiċċju tal-Community Police u tal-Kunsill Lokali fi Triq Dun Pawl. Is-Sindku John Schembri spjega li dawn is-servizzi huma meħtieġa sabiex kemm l-operat tal-Community Police kif ukoll tal-Kunsill Lokali jissaħħaħ u jilħaq aktar residenti. Il-Kunsilliera preżenti qablu u approvaw din il-kwotazzjoni.

**06.03.02** _Uniformi tax-Xitwa għall-Ħaddiema Amministrattivi fil-Kunsill:_ Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li li nġibet kwotazzjoni għall-uniformi għall-ħaddiema amministrattivi tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li bħalma saret l-uniformi għas-Sajf issa kien imiss tax-Xitwa sabiex il-ħaddiema amministrattivi jkunu kollha konformi u jkollhom dehra aktar professjonali. Il-Kunsilliera preżenti qablu u approvaw din il-kwotazzjoni.

**06.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**06.04.01** Is-Sindku John Schembri fakkar lill-Kunsillier Frederick Aquilina dwar il-kwotazzjoni għall-istaffa tal-van tal-anzjani. Is-Sindku John Schembri ħeġġeġ ukoll lill-Kunsilliera l-oħra sabiex iġibu xi kwotazzjonijiet għal din l-istaffa sabiex min jagħmel użu minn dan il-van ikun aktar komdu.

**06.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li l-kwistjoni li kien hemm dwar il-bus shelters issa ntemmet u allura se jinbdew ikunu installati dawn il-bus shelters. Is-Sindku John Schembri saħaq li s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell se tkun qed tagħmel kuntatt mal-kumpanija li se tieħu ħsieb din l-installazzjoni sabiex jiskatta dan il-proċess.

**06.04.03** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera preżenti li ħarġet Skema għall-Karnival 2025. Is-Sindku John Schembri qal li d-data tal-għeluq ta' din l-iskema hija t-2 ta' Diċembru 2024. Is-Sindku John Schembri fakkar lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna sabiex jibda jaħdem fuqha filwaqt li s-Sindku jieħu ħsieb il-karrijiet. Is-Sindku John Schembri spjega li l-ħsieb hu li ssir attivita` fil-pjazza u diversi kumpaniji ta' żfin.

**06.04.04** Is-Sindku John Schembri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex tikteb lil Transport Malta sabiex bħala Ħal Luqa jerġa' jkollha s-servizz ta' venda mis-6.30 am sad-

9 am. Is-Sindku John Schembri tenna li tal-linja titlaq minn ħdejn il-Knisja f'Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri u l-Kunsilliera qablu li bħalissa n-nies mhux qed jingħtaw servizz kif suppost għaliex il-karozzi tal-linja qed jgħaddu dejjem mimlijin.

**06.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**06.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa li jsir sotto kumitat taż-żgħażagħ. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li se jikteb lill-għaqdiet u min hu interessat jinforma lill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera dwar din il-proposta.

**06.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina saqsa lis-Sindku John Schembri u l-Kunsilliera preżenti jekk humiex permessi jipparkkjaw cherry pickers fl-ispazji ta' parkeġġ. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li qed jirċievi bosta ilmenti li matul il-lejl qed ikunu pparkkjati cherry pickers fi Triq San Tumas u fi Triq Indri Micallef. Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsillier Frederick Aquilina sabiex jagħmel kuntatt mal-Community Police sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa.

**06.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

**06.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tat aġġornament dwar l-stqarrija għall-istampa dwar il-krematorju li kienet diskussa fis-seduta preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret li din l-istqarrija ħarġet u ngħatat rappurtaġġ minn bosta mezzi prominenti ta' komunikazzjoni.

**06.07 Korrispondenza**

**06.07.01** Il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa rċieva stedina dwar open day nhar is-16 ta' Novembru 2024, biex il-Kunsilliera jaraw l-operat sħiħ tal-BCRS. Is-Sindku John Schembri ħeġġeġ lill-Kunsillera sabiex jattendu. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-Kunsillier Frederick Aquilina u l-Kunsillier Anton Gatt offer li jattendu għal din l-open day.

**06.08 Pjan ta' Hidma/Baġit/Seduta Diċembru**

**06.08.01** Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li fl-14 ta' Novembru fil-17.30 pm se ssir il-Laqgħa Pubblika li fiha se jkun ippreżentat il-Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li ġejjin.

**06.09 Magażin tal-Kunsill Lokali għall-Milied**

**06.09.01** Is-Sindku John Schembri spjega kif din is-sena l-magażin għall-Milied se jservi bħala introduzzjoni għal-leġiżlatura l-ġdida. Is-Sindku John Schembri talab sabiex kemm is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kif ukoll il-Kunsilliera l-oħra sabiex jipprovdu ritratt u write up ta' nofs paġna A4.

## 06.10 Aġġornament dwar l-attivita` tal-Milied

**06.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ta aġġornament dwar l-attivita` tal-Milied. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li ltaqa' mal-fornituri li se jipprovdu servizz waqt din il-laqgħa. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li bħala bankarelli, bouncy castle, bistro tables u siġġijiet hemm kollox ibbukkjat u li baqa' biss li jitlob għall-kwotazzjoni ta' sound u dawl.

## 06.11 Aġġornament Vjal Kulħadd

**06.11.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Perit lesta l-BOQ's kollha u s-sottomissjonijiet saru. Is-Sindku John Schembri qal li x-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali applika għalihom jinkludu l-Monument tal-Gwerra u l-embellishment taż-żona. Is-Sindku John Schembri tenna li hu fidiċjuż li dawn il-proġetti jiġu approvati u li ja11ettaw il-proposti tal-Kunsill Lokali.

## 06.12 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**06.12.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 06.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**06.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn, 2 ta' Diċembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |